MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tad-9 ta' Frar, 2003

Numru 116/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR A. CASSAR**

**VS**

**RONALD URRY**

**Illum 9 ta' Frar 2004.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ronald Urry, ta' 39 sena, iben missier mhux maghruf u Evelyn Urry, imwieled Rahal Gdid fit-12 ta' Frar 1964 u joqghod fl-indirizz Blokk C, numru 13, Qasam Bini tal-Gvern, Birzebbugia, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 135364 M;

Talli fi Triq il-Qaliet, Wied il-Ghajn, fil-lejl ta' bejn nhar it-Tlieta 28 u nhar l-Erbgha 29 ta' Jannar, 2003, ghall-habta ta' xi l-erbgha w nofs ta' filghodu:

1. Ikkommetta sgass u serq ta' xorb alkoholiku, diversi pakketti tas-sigaretti, cikkulatini, soft toys, kif ukoll flus kontanti li kienu fit-till tal-cash register, li l-ammont taghhom huwa ta' madwar Lm200, mill-hanut bl-isem ta' 'Il Piu Dolce', li huwa sitwat fl-istess lok ghad-detriment ta' Stephan Barbara mill-Fgura, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, kif ukoll bil-hin.

2. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi mill-istess hanut ikkommetta tentattiv ta' serq ta' diversi oggetti li l-ammont taghhom jeccedi l-Lm1000 lira maltin, liema delitt ma' giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

3. U aktar, talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

4. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, meta ghamel hsara fl-armatura

5. ta’ l-imsemmi hanut, ghad-dannu ta’ l-istess Stephan Barbara mill-Fgura, liema hsara ma’ tiskorrix il-hames mitt lira maltin, hija izjed minn hamsin lira.

6. U aktar talli sar recediv ghall-finijiet ta’ l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali wara li gie kkundannat precedentement ghal serq b’diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux aktar jigu mibdula.

Wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 261 (b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279, 41(1)(a), 334, 325 u 289 tal-Kodici Kriminali;

U wara li rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 28 ta’ April 2003;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, ma’ thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel, it-tieni, r-raba’ u l-hames imputazzjoni, izda tilliberah mit-tielet imputazzjoni.

Fir-rigward tal-piena, l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fedina penali ta’ l-imputat, l-imgieba tieghu tul l-ahhar snin,

temmen illi piena karcerarja mhix adekwata f'dan il-kaz partikolari, u dana ghas-sussegwenti ragunijiet:

1. Illi l-imputat ilu fit-triq it-tajba ghal dawn l-ahhar tlettax (13) il-sena;

2. Jidher illi kien jiddispjacih mill-hajja tieghu ta' qabel;

3. Dan huwa kaz wiehed biss fejn inqabad l-imputat, u ghal dan il-kaz biss, dina l-Qorti ma' tarax ir-raguni ghaliex is-socjeta' m'ghandix tkompli tipprova tirriforma lill-istess imputat, purche' illi huwa juri li jrid jigi riformat.

Ghaldaqstant, filwaqt li ssibu hati fejn sabitu hati, u tilliberah fejn illiberatu, tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jikkommettix reat iehor ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, a tenur ta' l-Artikolu 22 ta' Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll a tenur ta' l-Artikolu 7, qeghda tapponta lil Carmen Nygaard, bhala Probation Officer, bl-obbligu ta' rapport bil-miktub kull sitt xhur, dwar l-andament ta' dan l-istess imputat fil-hajja ta' kuljum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------